MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru 736/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**SAVIOUR SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Saviour Sammut iebn Emanuel u Frances nee' Borg, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Lulju, 1967, detentur tal-karta ta' l-

identita' bin-numru 274267M u residenti 128, Triq Sir Frederick C Ponsomby, Gzira;

Talli nhar il-Hamis 19 ta' Awissu 2004, gewwa x-Xatt tas-Sliema, hdejn il-Magic Kiosk, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura bin-numru JTY 106 tal-marka VW Passat, propjeta' ta' Julian Genovese minn San Gwann, ghamel hsara fil-vettura bin-numru BTY 058 tal-marka Mercedes Benz 200, propjeta' ta' Josephine Sammut minn San Gwann kif ukoll hsara fil-vettura LCF 482 tal-marka Toyota Hilux propjeta' ta' George Buhagiar mill-Gzira, liema hsarat huma ta' aktar minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu tal-istess Julian Genovese, Josephine Sammut u George Buhagiar ud an bi ksur tal-artikolu 325 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa, fuq il-persuni ta' Julian Genovese ID 136860M u Anthony Galea ID 736062M u dan ai termini ta' l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura LCF 482 Toyota Hilux b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz u dan bi ksur ta' l-artikolu 15 (1) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta jew naqas li jaghti kampjuni tan-nifs ghal test tan-nifs u dan bi ksur ta' l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 325 (1)(a), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 15 (1) u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, din il-Qorti fil-waqt li qiegheda ssib lill-

imsemmi Saviour Sammut hati ta’ l-akkuzi kif dedotti, qiegheda tikkundannah ghall-multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------